**_Ruling_ mogħti mill-Ispeaker Anġlu Farrugia fis-Seduta 339 tal-14 ta' Diċembru 2015 dwar rapport f'ġurnal li kien jirrigwarda lill-Onor. Ċensu Galea meta kien jokkupa kariga fil-BICC**

Fis-seduta ta' nhar l-Erbgħa, 9 ta' Diċembru 2015, l-Onor. Ċensu Galea talab lis-Sedja tinvestiga dak li kien deher f'artiklu f'ġurnal, u qal hekk:

> "Mr Speaker, suppost dan il-punt qajjimtu taħt Mozzjonijiet imma jien se nagħmel referenza għal artiklu li deher ilbieraħ fil-faċċata ta' *l-orizzont* u li mbagħad kompla f'paġna 4. F'dan l-artiklu qamet storja fuqi li meta wieħed jaqraha jinduna li hija mimlija ineżattezzi u anke aktar minn hekk. Nitolbok tinvestiga dan l-artiklu għax hemm numru ta' fatturi li min hu responsabbli għall-kitba tagħhom ried mingħalih iċappas ir-reputazzjoni tiegħi. Grazzi."

Għal dan, is-Sedja wiegħbet li se tara l-artiklu u tinvestiga.

L-artiklu li għamel referenza għalih l-Onor. Ċensu Galea deher fil-faċċata ta' quddiem tal-ħarġa ta' *l-orizzont* tat-8 ta' Diċembru 2015 u kien ikompli f'paġna 4, biswit l-editorjal tal-istess ġurnal, taħt it-titlu:

> "Mitlub irodd €6,000 żejda li ħa sal-2013
>
> Id-Deputat Nazzjonalista Ċensu Galea ilu sentejn u nofs jiġi mfakkar li, bħala Ċermen tal-BICC, kien tħallas iżżejjed minħabba "kalkolu ħażin" fl-2008."

Is-Sedja għaddiet biex tagħmel ir-riċerka tagħha u, kif wiegħdet lill-istess Onor. Ċensu Galea, wara li tagħmel investigazzjoni, jekk ikun il-każ tagħti r-rimedji skont iċ-ċirkostanzi. Is-Sedja se tagħmel referenza għal diversi partijiet tal-artiklu msemmi, u dawn huma:

- "... gawda minn ħlasijiet żejda fis-salarju li kien jirċievi bħala Ċermen tal-Kunsill Konsultattiv fl-Industrija tal-Bini (BICC).";

- "... rċieva total ta' €5,606.92c li ma kienx intitolat għalihom fis-salarju tiegħu f'dak il-perjodu, li fih ukoll kien jingħata l-onorarja Parlamentari u anke l-benefiċċju li jiġi allokat bħala Deputy Spijker fi tlieta mill-istess ħames snin.";

- "Jingħad li "kalkolu ħażin" fis-salarju fil-bidu tal-aħħar leġiżlatura wassal għal din id-diskrepanza li dak iż-żmien ukoll qatt ma ġiet irrimarkata minn xi naħa involuta.";

- "Iżda issa dan il-ġurnal informat li, fl-aħħar sentejn u nofs, Galea rċieva diversi tfakkiriet mill-Ministeru tat-Trasport u l-Infrastruttura biex jirregolarizza ruħu ...";

- "Minkejja li kien ġie elett fil-Parlament fl-2008, Galea ngħata l-kariga ta' Ċermen Eżekuttiv fil-BICC, wara li ntemm il-perjodu ta' Robert Musumeci."; u

- "Stħarriġ ta' *l-orizzont* jindika li, għalkemm il-kunsill konsultattiv illum jaqa' taħt il-Ministeru għad-Djalogu Soċjali, Affarijiet tal-Konsumatur u Libertajiet Ċivili mmexxi

mill-Ministru Helena Dalli, €5,606.92c għadhom dovuti lill-Ministeru ta' Joe Mizzi li wiret il-"pakkett" tal-eks-Ministru Nazzjonalista u għaldaqstant inkluda t-tagħrif dwar il-ħlasijet lil Galea fit-tweġiba tiegħu."

Is-Sedja tinnota li biex tkun tista' tagħti rimedju l-ilment li jkun tqajjem irid ikun jirrigwarda pubblikazzjoni li fiha tkun saret referenza għal xi diskors jew tweġibiet għal domandi parlamentari jew kwalunkwe dokument ieħor li jkun tpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra u li b'xi mod ikun ġie kkwotat ħażin jew inkella b'qerq. U dan kif inhu anke spjegat fil-Kapitlu 113 tal-Liġijiet ta' Malta, li huwa l-Ordinanza dwar il-Privileġġi u s-Setgħat tal-Kamra tad-Deputati, fejn f'artiklu 11 subiniż (4), paragrafi (i), (j) u (k) huwa deskritt bħala reat, u nikkwota:

"(i) kull min iġib quddiem il-Kamra jew Kumitat tagħha dokument falz, mhux veru, maħluq jew iffalsifikat bil-ħsieb li jqarraq lill-Kamra jew lil dak il-Kumitat;

(j) il-pubblikazzjoni ta' kull libell li jagħti malafama lill-Ispeaker jew lil xi membru li tolqot xi ħaġa magħmula minnu jew li ntqalet minnu bħala Speaker jew bħala Membru fil-Kamra jew f'Kumitat tagħha;

(k) il-pubblikazzjoni volontarja jew bi traskuraġni ta' xi rapport falz jew mgħawweġ ta' xi dibattitu jew proċedimenti tal-Kamra jew ta' xi Kumitat tagħha."

Is-Sedja għamlet ukoll referenza għall-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra u speċifikament l-Ordni Permanenti 60 li jittratta dwar kliem offensiv kontra l-Kamra jew kontra Membru.

Is-Sedja kellha tara jekk fl-istorja li dehret fil-konfront tad-Deputat Parlamentari, l-Onor. Ċensu Galea, fil-ħarġa ta' *l-orizzont* tat-8 ta' Diċembru 2015 kienx hemm rapport fidil jew qarrieqi ta' dak li seta' ntqal fil-Kamra fil-konfront tal-Onor. Ċensu Galea, partikolarment dwar ħlas żejjed fl-ammont ta' €5,606.92c.

Fir-riċerki li għamlet, is-Sedja rreferiet għal dokumenti li setgħu tqiegħdu fuq il-Mejda tal-Kamra li jirrigwardaw il-*Building Industry Consultative Committee* (BICC), diskussjonijiet li setgħu saru f'din il-Kamra fuq dan is-suġġett, kif ukoll domandi u tweġibiet parlamentari.

Is-Sedja għamlet referenza għas-seduta 118, tat-8 ta' Ottubru 1997, is-seduta 119 tat-13 ta' Ottubru 1997, is-seduta 126 tal-20 ta' Ottubru 1997, is-seduta 130 tal-31 ta' Ottubru 1997, is-seduta 131 tat-3 ta' Novembru 1997 u s-seduta 132 tat-3 ta' Novembru 1997 li fihom ġiet diskussa l-Mozzjoni għat-twaqqif ta' Kummissjoni dwar l-Industrija tal-Bini f'Malta li tkun magħrufa bħala Kunsill Konsultattiv dwar l-Industrija tal-Bini (*Building Industry Consultative Council*), li kienet tressqet mill-Ministru tax-Xogħlijiet Pubbliċi u Kostruzzjoni ta' dak iż-żmien, il-Ministru Charles Buhagiar. Wara li qrat dak li kien intqal f'dan id-dibattitu, kif ukoll id-dokument kollu sottomess mill-Ministru flimkien mal-Mozzjoni, is-Sedja ma rriżultalha li hemm xejn li seta' ġie rrapportat f'dan l-artiklu ta' *l-orizzont* tat-8 ta' Diċembru 2015.

Is-Sedja qrat ukoll diversi mistoqsijiet u tweġibiet parlamentari, fosthom mistoqsija parlamentari 20096 li saret fis-seduta 313 tas-26 ta' Ottubru 2015. magħmula mill-Onor. Silvio Schembri lill-Ministru Joe Mizzi, liema mistoqsija taqra hekk:

> "Jista' l-Ministru jgħid min huma l-membri parlamentari tal-Oppożizzjoni preżenti jew passati li kienu jew għadhom jaħdmu jew jokkupaw xi kariga f'xi entità li taqa' taħt ir-responsabilità tiegħu sa mill-2008 sal-lum? Jista' jgħid ukoll x'kariga jokkupa/tokkupa u x'pakkett finanzjarju u perkaċċi oħra hemm marbuta mal-kariga?"

It-tweġiba tal-Ministru Mizzi kienet tgħid hekk:

> "Ninforma lill-Onor. Interpellant li safejn hu magħruf, ir-*records* juru li kien hemm żewġ membri parlamentari li kienu jew għadhom jaħdmu f'xi dipartiment fi ħdan il-Ministeru tiegħi. Il-kelliemi preżenti tal-Oppożizzjoni għall-Biedja u Sajd preżentement jokkupa l-kariga ta' Senior Architect, b'salarju ta' 'l fuq minn €25,000 fis-sena u *allowances* ta' madwar €4,651. Deputat ieħor tal-Oppożizzjoni kien jokkupa l-kariga ta' Chairman u Chief Executive Officer tal-Building Industry Consultative Committee (BICC) b'salarju ta' €29,101 fis-sena, liema somma akkumulata eċċediet is-somma stipulata u dovuta, u li d-differenza għadha ma tħallsitx lura."

F'mistoqsija parlamentari oħra li saret fis-seduta 318 tat-28 ta' Ottubru 2015, mistoqsija 20106, l-Onor. Silvio Schembri staqsa hekk lill-Ministru Helena Dalli:

> "Tista' l-Ministru tgħid min huma l-membri parlamentari tal-Oppożizzjoni preżenti jew passati li kienu jew għadhom jaħdmu jew jokkupaw xi kariga f'xi entità li taqa' taħt ir-responsabilità tagħha sa mill-2008 sal-lum? Tista' tgħid ukoll x'kariga jokkupa/tokkupa u x'pakkett finanzjarju u perkaċċi oħra hemm marbuta mal-kariga?"

It-tweġiba tal-Ministru kienet:

> "OHSA - Is-Sur Michael Bonnici li kien membru tal-Bord u kellu pakkett finanzjarju ta' €2,795.
> BICC - Il-Perit Ċensu Galea li kien jokkupa l-kariga ta' Chairman u kellu pakkett finanzjarju ta' €29,101."

Mistoqsija parlamentari oħra li kienet tikkonċerna direttament lill-Onor. Ċensu Galea kienet il-mistoqsija 20738 li saret fis-seduta 329 tal-20 ta' Novembru 2015 li l-Onor. Luciano Busuttil għamel lill-Ministru għad-Djalogu Soċjali, Affarijiet tal-Konsumatur u Libertajiet Ċivili. Din il-mistoqsija taqra hekk:

> "Tista' l-Ministru tgħid jekk fil-Ministeru jew entitajiet, awtoritajiet u dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tagħha hemmx persuni impjegati bħala *full-time* jew *part-time*, liema impjegati huma jew kienu membri parlamentari bejn l-2008 sal-lum? Tista' tgħid u tippreżenta fil-Kamra meta ġew impjegati u b'liema kundizzjonijiet u x'pakkett finanzjarju kellhom jew għandhom? Tista' tgħid kif dawn intgħażlu għal dak l-impjieg u b'liema mod l-attendenza tagħhom fix-xogħol tiġi rrekordjata? Tista' tippreżenta fil-Kamra x'inhi l-attendenza ta' dawn l-impjegati li kienu jew huma membri parlamentari fix-xogħol tagħhom?"

It-tweġiba tal-Ministru kienet hekk:

> “Ninforma lill-Onor. Interpellant li hemm żewġ persuni impjegati mal-BICC. Dawn huma s-Sur Ċensu Galea li ġie impjegat fl-2010 sal-2013 u s-Sur Charles Buhagiar li ġie impjegat fl-2013 u għadu impjegat sal-lum. It-tnejn li huma impjegati bħala Chair filwaqt li kemm is-Sur Galea kif ukoll is-Sur Buhagiar kellu/għandu pakkett finanzjarju ta’ skala 4. Dawn iż-żewġ persuni ntgħażlu għal dan l-impjieg bħala *person of trust*. L-attendenza tagħhom it-tnejn kienet regolari.”

Wara r-riċerka li saret f’diversi dokumenti u diskorsi li saru fil-Parlament, is-Sedja tikkonkludi li ma nstabitx aktar dokumentazzjoni in konnessjoni mas-suġġett ittrattat fl-artiklu msemmi li deher fil-ħarġa ta’ *l-orizzont*, u li r-risposta parlamentari li ta l-Ministru Joe Mizzi għall-mistoqsija parlamentari 20096, li għamilt referenza għaliha aktar kmieni, hija l-unika istanza fejn jissemma dan is-suġġett meta fir-rigward tal-Onor. Ċensu Galea jingħad il-kliem:

> “... liema somma akkumulata eċċediet is-somma stipulata u dovuta, u li d-differenza għadha ma tħallsitx lura.”

Din hija l-unika darba li s-Sedja sabet li fil-Kamra ssemma xi ħlas li seta’ sar żejjed lill-Onor. Ċensu Galea skont ir-risposta tal-Ministru Joe Mizzi. Dak li nkiteb fl-istorja li dehret fil-ħarġa ta’ *l-orizzont* bit-titlu “Mitlub irodd €6,000 żejda li ħa sal-2013” fl-ebda mument mhuwa indikat f’xi dokumentazzjoni jew risposta fil-Parlament u għalhekk ir-responsabbiltà kollha għall-istorja msemmija hija kompletament ta’ min kiteb l-artiklu u tal-editur innifsu. Ladarba m’hemm ebda rapportaġġ ineżatt u/jew falz ta’ xi informazzjoni jew diskors li sar fil-Kamra, allura s-Sedja ma tista’ tagħti l-ebda rimedju ħlief li tissolleċita lill-Onor. Ċensu Galea li, jekk huwa jħoss li l-kontenut tal-artiklu inkwistjoni huwa libelluż fil-konfront tiegħu, jista’ jieħu passi ulterjuri fil-konfront tal-istess editur ta’ *l-orizzont*. L-ebda parti minn dan l-artiklu ma tirreferi għal xi ħaġa li setgħet intqalet fil-Kamra tad-Deputati jew għal xi dokumentazzjoni li ħarġet mill-Kamra tad-Deputati.

Is-Sedja, f’dan il-kontest, tagħmel referenza għal dak li darba kiteb Matthew Parris li kien jikteb regolarment f’*The Times* tal-Ingilterra, kien l-i*sketch-writer* għall-istess ġurnal u kien hu nnifsu Membru Parlamentari. Darba Matthew Parris kiteb hekk:

> *“As we know, in the skilled hands of the parliamentary Hansard notetakers, Monday’s gibberish becomes Tuesday’s classic English. The room in which the Official Report is compiled is the nation’s top operating theatre for cosmetic surgeons in English prose. As a result, many MPs actually believe they talk sense. Today they strut their hour on the Commons stage, talking unintelligible rubbish. Tomorrow they read the report. From the report emerges a speech of passion and clarity, delivered in perfect English. ‘Gosh’, they murmur over breakfast, ‘did I really say that?’ They didn’t. They didn’t say anthing like that.”*

Għalhekk ir-*ruling* issa huwa deċiż.